MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2015

Numru. 7/2012

**SPETTUR GODWIN SCERRI**

**SPETTUR LUKE BONELLO**

**VS**

**KEVIN MALLIA**

**AARON VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Kevin Mallia ta’ 40 sena, bin Emanuel u Tereza nee’ Borg, mwieled Pieta’ fil- 5 ta’ Ottubru 1974, residenti 11, Triq Gianni Bencini, Sliema u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 474074M;

U

Aaron Vella ta’ 28 sena, bin Alfred u Concetta nee’ Borg, mwieled Pieta’ fit- 28 ta’ April 1986, residenti 8, Deluxe, Triq il- Kostituzzjoni, Mosta u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin numru 198886M;

Talli;

1) Fil- lejl ta’ bejn it- 2 ta’ Jannar 2012 u t- 3 ta’ Jannar 2012 gewwa San Giljan, minghajr il- hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l- hajja ta’ Nicholas Portelli f’ periklu car, ikkagunawlu hsara fil- gisem u fis-s ahha liema hsara hija ta’ natura gravi, hekk kif iccertifika Dr Matthias Azzopardi detentur ta’ numru tar- registru mediku 5268 tal- isptar Mater Dei;

2) U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il- hsieb li joqtlu jew li jqeghdu l- hajja ta’ Yanis Micallef f’ periklu car, ikkagunawlu hsara fil- gisem jew fis- sahha liema hsara hija ta’ natura hafifa, hekk kif icceritifika Dr C Fernando, detentur ta’ numru tar- registru mediku 5287 tal- isptar Mater Dei;

3) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebbew kontra Nicholas Portelli u Yianis Micallef sabiex jingurjawhom, idejqhuom jew jaghmlu hsara li ldawn il- persuna jew lil haddiehor;

4) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kisru l-buon ordni jew il- kwiet tal- pubbliku;

Lil Kevin Mallia wahdu talli;

5) Fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, hadem bhala agenzija ta' gwardjani privati jew bhala gwardjan privat jew hekk ofra s- servizzi tieghu, kemm il-darba dan ma kellux licenzja mill- Kummissarju tal-Pulizija;

Lil Aaron Vella wahdu talli;

6) Fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt li kien gwardjan privat f' post ta' divertiment jew gwardjan privat specjalizzat, ezercita ruhu uzu ta' forza eccessiva jew u b' xi mod abbuza mill- poter moghti lilu permezz tal- Kap 389;

7) Il- Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija tikkunsidra lill- imputati bhala recidivi ai termini tal- Art 49 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, datata 23 ta' Novembru 2012, li permezz taghha gew indikati l-Artikoli relattivi tal-Ligi li tahthom kellhom ighaddu in gudikat l-imputati;

Rat illi l-imputati ma kellhom ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta maghhom sommarjament fis-smigh ta' din il-kawza;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fiz-zmien in kwistjoni l-imputati kienu jahdmu bhala "security" fi stabbiliment kummercjali gewwa San Giljan, maghruf bhala Havana. Fil-lejl bejn it-2 u t-3 ta' Jannar 2012,

fil-Havana kien hemm Nicholas Portelli, it-tfajla tieghu Siti Vusuni, u habib taghhom Yianis Micallef. Hin minnhom Micallef hassu hazin, u Siti haditu sat-“toilets” tal-irgiel. Micallef rahom u dahal maghhom. L-imputat Mallia rahom it-tlieta dehlin fit-“toilets” tal-irgiel u mar harighom minn hemm. Jidher li ntuzat forza eccessiva minn Mallia, ghax kemm Micallef kif ukoll Portelli spiccaw bi griehi. Sar rapport lill-Pulizija dak il-lejl stess, gie identifikat Mallia bhala wiehed mis-“security” li kien aggredihom, u l-Pulizija kompliet tinvestiga l-incident. Gie indikat l-imputat l-iehor Aaron Vella bhala wiehed mis-“security” li wkoll kien aggredihom. Ghalhekk l-imputati kienu gew arrestati u ttiehdet stqarrija taghhom. Aktar tard fil-5 ta’ Jannar 2012 huma tressqu b’arrest biex iwiegbu ghall-akkuzi odjerni.

Illi mill-provi prodotti rrisulta li dakinhar, Yianis Micallef u Nicholas Portelli gew aggrediti minn Kevin Mallia. Il-provi tal-Prosekuzzjoni ma gew kontradetti b’ebda mod, ghalkemm id-difiza kellha kwazi sentejn biex tipproduci xhud jew dokument jew kwalsijasi prova ohra. Irrisulta li Micallef qala’ daqqiet f’wiccu, li gew ikklassifikati bhala griehi hfief, u hu identifika lil Mallia bhala l-persuna li tatu daqqiet f’wiccu u kkagunatlu dawk il-griehi. Portelli wkoll sofra griehi f’wiccu, izda dawn gew ikklassifikati bhala gravi, peress illi hu sofra minn ksur fix-xedaq tieghu n-naha tal-lemin, u hu wkoll jidentifika lil Mallia bhala dak li kkagunali dawk il-griehi. L-incident imbaghad kompla barra fit-triq, u kien hawnhekk li l-imputat l-iehor Vella ippartecipa, ghalkemm mill-provi ma rrisultax x’kienet il-partecipazzjoni tieghu fil-konfront tal-griehi li sofrew Micallef u Portelli.

Gie esebit ukoll filmat li juri partijiet minn dan l-incident, u z-zewg vittmi jidhru cari fih qed jaqilghu daqqiet minn Mallia, u jidher ukoll Vella fil-vicinanzi. Mill-filmat jidhru wkoll terzi li ma gewx identifikati, ghajr il-"manager" tal-istabbiliment, certu David Psaila. Mal-filmat gew esebiti wkoll ritratti "stills" mahruga mill-espert tal-Qorti.

Gew esebiti wkoll l-istqarrijiet tal-imputati. Minn dawn jidher ukoll li z-zewg imputati kwazi jikkorroboraw il-verzjoni moghtija mill-vittmi. Kevin Mallia dahal fit-"toilets" tal-irgiel ghax ra tfajla diehla hemm ma' zewg guvintur, u jghid li kellu juza l-forza biex harighom 'il barra, minghajr ma jghid x'forza uza maghhom. Aaron Vella jghid li Mallia sejjah ghall-ghinuna fuq ir-radio tas-"security" u dahal hdejh u huma hargu lil Micallef u lil Portelli 'l barra. Maghhom kien hemm id-DJ tal-lokal, kif ukoll il-manager David Psaila. B'hekk huma hargu lil Micallef u lil Portelli barra mill-Havana.

Mallia kien irrilaxxja zewg stqarrijiet. Fl-ewwel wahda ma kien wiegeb ghal ebda domanda, u kien inzamm arrestat. Fit-tieni stqarrija, ta rendikont ta' x'kien gara. Qal li dakinhar kienu hu u Vella bhala "security" fil-Havana, u ammetta li ma kellux il-permess ufficjali biex jahdem ta' hekk. Qal li Portelli kien aggredih l-ewwel meta pprova johroghom mit-"toilets", u qal li sejjah ghall-ghinuna u harguhom lil Micallef u lil Portelli. Qal ukoll li hu tahom daqqiet lura ghax kien gie aggredit minnhom.

Minn dawn il-provi ftit li xejn ghandha x'tanalizza l-Qorti. L-incident kollu hu kwazi ammess mill-imputati, specjalment Mallia. Il-provi tal-Prosekuzzjoni ma

gew kontradetti minn add u minn xejn, anzi hemm kwazi korroborazzjoni mill-istqarrijiet tal-imputati. Huwa evidenti, madankollu, li fil-konfront ta' Aaron Vella ma tressqux provi konkreti li hu effettivament ikkaguna xi griehi fuq il-vittmi tal-aggressjoni. Kien Mallia li intervjena b'forza eccessiva u kkaguna l-feriti sew fuq Micallef kif ukol fuq Portelli. Ghalhekk, ghalkemm iz-zewg imputati ser jinstabu hatja, hemm imputazzjonijiet li ma jirrisultawx fil-konfront ta' Vella, u din ghandha tigi riflessa sew fil-piena. Peress illi l-addebitu tar-recidiva ma gietx ippruvata fil-konfront taz-zewg imputati, il-Qorti tista' tapplika sentenza ta' prigunerija sospiza flimkien ma' ordni ta' supervizjoni ma' ufficjal tal-probation fil-konfront ta' Mallia, mentri tista' tapplika sanzjoni fil-komunita' fil-konfront ta' Vella.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 214, 218(1)(a)(2), 221, 338(dd), 339(d), , 49, 50, 382A, 383, 384, 386, 412C, 17, 23, 31, 49. 50 u 533 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll l-Artikoli 6 , 25(b) u 25(d) tal- Kap 389 tal- Ligijiet ta' Malta.

Lil **Kevin Mallia** ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha, hlief ghall-addebitu tar-recidiva, u ghalhekk tikkundannah ghal piena ta' sentejn (2) prigunerija sospizi

ghal tlett (3) snin, taht supervizjoni ta’ ufficjal tal-probation, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Lil **Aaron Vella** ssibu hati biss tat-tielet ur-raba’ imputazzjonijiet u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) millum, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ma ssibux hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputati.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------